

Kap tat-Taqsima tat-Taħriġ dwar is-Saħħa Pubblika

Unità: PHF

Referenza: ECDC/AD/2023/PHF-HSPHT

Qed jintlaqgħu applikazzjonijiet għall-kariga ta' hawn fuq ta' Aġent Temporanju fiċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC).

Deskrizzjoni tal-impjieg

L-ECDC jippjana li jirrekluta persuna waħda għall-pożizzjoni vakanti msemmija hawn fuq. L-ECDC għandu wkoll l-għan li jistabbilixxi lista ta' riżerva, li tista' tintuża għal kwalunkwe pożizzjoni vakanti futura fil-qasam.

Id-Detentur tal-impjieg ser jirrapporta direttament għand il-Kap tal-Unità tal-Funzjonijiet tas-Saħħa Pubblika u ser ikompli jżviluppa l-attivitajiet taċ-Ċentru relatati mat-taħriġ dwar is-saħħa pubblika fil-qasam tal-mard li jittieħed u jikkoordina l-implimentazzjoni tagħhom, f'kollaborazzjoni mill-qrib ma' kollegi oħra fl-unità u fl-ECDC inġenerali.

Dan se jkun responsabbli b'mod partikolari mill-oqsma ta' xogħol li ġejjin:

- L-immaniġġjar tat-Taqsima tat-Taħriġ dwar is-Saħħa Pubblika permezz tal-ħolqien ta' tim b'saħħtu bi spirtu orjentat lejn is-servizz u bil-promozzjoni ta' kultura ta' tagħlim;
- L-iżgurar li l-ippjanar tax-xogħol, il-ġestjoni tar-riżorsi umani u finanzjarji inkluża l-ġestjoni tal-prestazzjoni tat-taqsima jitwettqu b'mod effiċjenti u effettiv;
- L-iżvilupp u l-implimentazzjoni ulterjuri tad-direzzjoni strateġika tal-ECDC għat-taħriġ inkluż il-Programm ta' Boroż ta' Studju tal-ECDC (EPIET/EUPHEM), il-Programm tal-Mediterran u tal-Baħar l-Iswed għat-Taħriġ fl-Epidemjoloġija tal-Intervent (MediPIET), il-Programm ta' Żvilupp Professionali Kontinwu tal-ECDC (CPDP), il-proġett ECDC4AfricaCDC u l-Akkademja Virtwali tal-ECDC (EVA), f'allinjament mal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti li qed jevolvu tal-Istati Membri, il-Kummissjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;
- L-iżgurar ta' kollaborazzjoni u koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE/taż-ŻEE, il-Kummissjoni Ewropea, id-WHO u sħab internazzjonali oħra dwar proġetti relatati mat-taħriġ dwar is-saħħa pubblika u ħidma ma' programmi ta' taħriġ oħra f'approċċ "Saħħa Waħda";

- Il-koordinazzjoni u l-iżgurar ta' appoġġ għall-attivitajiet esterni ta' taħriġ dwar is-saħħa pubblika fiċ-Ċentru kollu;
- L-ġhoti ta' appoġġ lit-Task Force Ewropea għas-Saħħa permezz tal-involvement attiv tas-sħab fl-attivitajiet tagħha biex tipprovdi assistenza lill-Istati Membri u lis-sħab internazzjonali fit-tnejja u fir-rispons għal theddid transkonfinali serju għas-saħħa eż., permezz ta' studji tal-każijiet, skjeramenti fuq il-post u investigazzjonijiet dwar it-tifqigħat;
- L-ġhoti ta' appoġġ lill-Kummissjoni Ewropea u lill-Istati Membri fil-qasam tat-taħriġ dwar is-saħħa pubblika, l-iżvilupp tal-forza tax-xogħol u l-bini tal-kapaċitajiet fil-kuntest tar-Regolament 2022/2371 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u r-Regolamenti Internazzjonali dwar is-Saħħa;
- L-impenn proattiv mas-sħab ta' taħriġ rilevanti tal-ECDC biex jinżammu kompetenzi ewlenin Ewropej aġġornati fil-qasam tal-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard li jittieħed u biex jingħata appoġġ lill-iżvilupp ta' "komunitajiet ta' prattika" fit-taħriġ dwar is-saħħa pubblika;
- Ir-rappreżentanza tal-ECDC fin-networks u fil-laqgħat Ewropej u internazzjonali relatati mat-taħriġ dwar is-saħħa pubblika;
- Il-kontribut għal attivitajiet oħrajn tal-ECDC, kif meħtieġ, fil-qasam tal-għarfien espert tiegħu;
- Id-detentur tal-impjieg jista' jintalab jikkontribwixxi għas-sistema tax-xogħol 24/7 tal-ECDC.

Kwalifiki u esperjenzi meħtieġa

A. Rekwiżiti formali

Sabiex tkun kandidat eliġibbli jeħtieġ li tissodisfa sett ta' rekwiżiti formali. Dawn ir-rekwiżiti huma:

- Livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma fejn il-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' 4 snin jew iktar, jew livell ta' edukazzjoni li jikkorrispondi għal studji universitarji mitmuma attestati b'diploma u esperjenza professjonali adegwata ta' mill-inqas sena meta l-perjodu normali tal-edukazzjoni universitarja jkun ta' mill-inqas 3 snin¹;
- Mill-inqas 9 snin ta' esperjenza professjonali² (wara l-ġhoti tad-diploma);
- Għarfien profund ta' waħda mil-lingwi uffiċjali tal-UE u għarfien sodisfaċenti ta' lingwa uffiċjali oħra tal-UE sal-limitu meħtieġ għall-qadi ta' dmirijietek³;
- Nazzjonalità ta' wieħed mill-Istati Membri tal-UE jew tan-Norveġja, tal-Iżlanda jew tal-Liechtenstein;
- Li tkun intitolat għad-drittijiet sħaħ tiegħek bħala ċittadin(a)⁴;

1 Ser jiġu kkunsidrati biss id-diplomi u ċ-ċertifikati li jkunu ngħataw fl-Istati Membri tal-UE jew li huma s-suġġett ta' ċertifikati ta' ekwivalenza maħruġa mill-awtoritajiet fl-Istati Membri msemmija

2 Servizz militari obbligatorju dejjem jiġi kkunsidrat.

3 Il-kandidati b'lingwa tal-UE mhux uffiċjali jew bl-Ingliż bħala l-lingwa materna tagħhom iridu jipprovdu evidenza tal-livell tagħhom tat-tieni lingwa b'ċertifikat (B1 jew aktar).

Barra minn hekk, sabiex ikunu eliġibbli għal promozzjoni permezz ta' eżerċizzju ta' promozzjoni annwali l-membri tal-persunal għandu jkollhom għarfien operazzjonali ta' lingwa terza tal-UE, kif deskritt fir-Regolamenti tal-Persunal u r-Regoli ta' Implimentazzjoni applikabbli.

4 Qabel il-ħatra, il-kandidat magħżul se jintalab jipprovdi ċertifikat mill-fajl tal-pulizija biex juri li ma għandux kondotta kriminali.

- Li tkun issodisfajt l-obbligi kollha imposti mil-liġijiet applikabbli dwar is-servizz militari;
- Tisodisfa r-rekwiżiti tal-karattru għad-dmirijiet involuti; u
- Tkun fiżikament b'saħħtek biex twettaq id-dmirijiet relatati mal-kariga.

B. Kriterji tal-għażla

Biex tikkwalifika għal din il-kariga identifikajna kriterji essenzjali fir-rigward ta' esperjenza professjonali u karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali. Dawn huma:

Esperjenza professjonali/għarfien:

- Mill-inqas 5 snin esperjenza professjonali miksuba f'karigi rilevanti għad-deskrizzjoni tal-impjeg;
- Mill-inqas 3 snin esperjenza fil-ġestjoni, inkluż il-ġestjoni ta' tim, il-valutazzjoni tal-prestazzjoni, l-ippjanar tax-xogħol u r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni tal-baġit;
- Għarfien pedagoġiku b'saħħtu u esperjenza professjonali b'saħħitha mixhuda bi prova fis-saħħa pubblika u l-mard li jittieħed, b'mod partikolari relatati mal-organizzazzjoni ta' taħriġ postgradwatorju u/jew taħriġ kontinwu fl-iżvilupp professjonali;
- Esperjenza ta' ħidma f'kuntest ta' saħħa pubblika fi Stat Membru jew f'ambjent internazzjonali;
- Livell eċċellenti tal-Ingliż, kemm miktub kif ukoll mitkellem.

Karatteristiċi personali/ħiliet interpersonali:

- Ħila li tifformula viżjoni strateġika;
- Kapaċità b'saħħitha li tmexxi u timmotiva lill-oħrajn u taħdem b'mod kollaborattiv;
- Tkun orjentat(a) lejn ir-riżultati u xprunat(a) mill-kwalità b'kapaċitajiet eċċellenti ta' ffissar ta' prijoritajiet, ippjanar u organizzazzjoni;
- Ikollok sens ta' servizz;
- Ħiliet tajbin ħafna ta' negozjar u komunikazzjoni.

Skont l-għadd ta' applikazzjonijiet li jaslu, il-kumitat tal-għażla jista' japplika rekwiżiti aktar stretti fil-kriterji tal-għażla msemmija qabel.

Opportunitajiet Indaq

L-ECDC huwa impjegatur ta' opportunitajiet indaq u jħeġġeġ applikazzjonijiet mill-kandidati kollha li jissodisfaw il-kriterji tal-eliġibbiltà u tas-selezzjoni mingħajr l-ebda distinzjoni abbażi tal-età, razza, konvinzjoni politika, filosofika jew reliġjuża, il-ġeneru jew l-orjentazzjoni sesswali u irrispettivament mid-diżabilitajiet.

Ħatra u kondizzjonijiet tal-impjeg

Id-detentur tal-impjeg se jinħatar abbażi ta' lista preliminari proposta mill-Kumitat ta' Selezzjoni lid-Direttur. Dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti huwa l-bażi għall-istabbiliment tal-proposta tal-Kumitat ta' Selezzjoni. Il-kandidati se jintalbu jagħmlu testijiet bil-miktub. Il-kandidati għandhom ikunu jafu li l-proposta tista' ssir pubblika u li l-inklużjoni fil-lista qasira ma tiggarrantixxix ir-reklutaġġ tagħhom. Il-lista qasira ta' kandidati se tiġi stabbilita wara proċess ta' selezzjoni miftuħ.

Il-kandidat li jintgħażel ser jiġi rekrutat bħala Aġent Temporanju, skont l-Artikolu 2f) tal-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, għal perjodu ta' ħames snin li jista' jiġġedded. Il-ħatra se tkun fil-grad **AD 8**.

L-applikanti għandhom jinnutaw ir-rekwiżit fir-regolamenti tal-persunal tal-UE għall-persunal il-ġdid kollu li għandu jtemm b'suċċess perjodu ta' prova ta' disa' xhur.

Għal aktar informazzjoni dwar kondizzjonijiet kuntrattwali u tax-xogħol, jekk jogħġbok irreferi għall-Kondizzjonijiet tal-Impjieg applikabbli għall-Aġenti l-Oħra tal-Unjoni Ewropea, li huma disponibbli fil-link li ġejja:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/EN/TXT/?uri=CELEX%3A01962R0031-20140501>

Il-post tal-impjieg se jkun fi Stokkolma, fejn iċ-Ċentru għandu l-attivitajiet tiegħu.

Lista ta' riżerva

Tista' tinholq lista ta' riżerva u din tintuża għar-rekrutaġġ, f'każ li jkun hemm pożizzjonijiet vakanti simili. Din se tkun valida sal-31 ta' Diċembru tal-istess sena tad-data ta' skadenza tal-applikazzjonijiet u tista' tiġi estiża.

Proċedura tal-applikazzjoni

Biex tapplika għal dan il-pożizzjoni vakanti, jekk jogħġbok oħloq kont/illoggja fil-kont tiegħek permezz tas-sistema ta' rekrutaġġ elettroniku tal-ECDC, imla t-taqsimiet kollha meħtieġa tal-applikazzjoni u ssottomettiha. **L-ECDC ma jaċċettax applikazzjonijiet sottomessi bl-email, bil-posta jew bi kwalunkwe mezz ieħor.**

Id-data tal-għeluq għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet hija fid-data rreklamata fl-avviż ta' pożizzjoni vakanti bl-Ingliż. Nagħtuk parir li tissottometti l-applikazzjoni tiegħek ferm qabel id-data ta' skadenza f'każ li tilitaqa' ma' kwistjonijiet tekniċi u/jew ikun hemm traffiku kbir fuq is-sit web. L-ECDC mhu se jaċċetta l-ebda applikazzjoni wara d-data ta' skadenza. Ladarba tkun issottomettejt l-applikazzjoni tiegħek, tirċievi messaġġ bl-email awtomatiku li jikkonferma l-wasla tal-applikazzjoni tiegħek. Jekk jogħġbok kun ċert(a) li l-indirizz tal-email li tipprovdi għall-kont tal-applikant tiegħek ikun korrett u li tiċċekkja l-email tiegħek regolarment.

Tista' ssib gwida għall-utent dwar ir-rekrutaġġ elettroniku u gwida dwar il-proċess tar-rekrutaġġ u tas-selezzjoni tal-ECDC fuq is-sit web tagħna:

<https://ecdc.europa.eu/en/about-us/work-us/recruitment-process>

Minħabba l-volum kbir ta' applikazzjonijiet li jaslu, se jiġu nnotifikati biss il-kandidati li jintgħażlu għall-intervisti.

Tista' ssib it-traduzzjoni⁵ ta' dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti fil-lingwi kollha tal-UE hawnhekk:

<https://www.ecdc.europa.eu/en/about-ecdc/work-ecdc/recruitment/vacancies/vacancy-translations>

⁵ Filwaqt li dan l-avviż ta' pożizzjoni vakanti ġie tradott fil-lingwi uffiċjali kollha tal-UE mill-oriġinali tiegħu bl-Ingliż, il-lingwa operattiva ta' kuljum taċ-Ċentru hija ġeneralment l-Ingliż. L-ECDC għalhekk jippreferi jirċievi l-applikazzjoni bl-Ingliż.